MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 18/2010

**Philip Zerafa**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Awissu, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti
>
> Ikkunsidera

> Una volta l-appellant telaq mir-residenza tieghu u mar joqghod ma' terza persuna li ghandha bzonn l-assistenza kontinwa, tilef beneficcju u jitnaqqaslu iehor. Ancorche' m'humiex relatati. Issir appell lid-Direttur sabiex din is-sitwazzjoni inkongruwa tigi remedjata.
>
> L-appell qed jigi michud.**”**

Il-beneficjarju appella minn din is-sentenza biex jikkuntrasta d-decizjoni ta’ l-Arbitru b’dawn l-ilmenti:-

1. L-Arbitru kiser il-ligi meta fil-motivazzjoni tas-sentenza ta ragun lilu izda mbaghad ghadda biex cahad il-gravam tieghu;

2. Hu diskriminatorju li persuna jitnaqqsilha l-ghajnuna ghaliex tkun qeghda tassisti persuna estraneja u mhux membru tal-familja;

F’dan il-kaz b’ittra tat-3 ta’ Gunju 2009 id-Direttur baghat javza lill-appellanti biex irodd lura €68.51 f’Allowance Supplimentari ghaliex hu ma kienx intitolat ghaliha. Bi spjegazzjoni ulterjuri d-Direttur issottometta illi l-appellanti ma kienx qieghed jabita ghal rasu u, allura, fl-opinjoni tieghu, ma kienx ikkunsidrat bhala kap tal-familja;

Gie deciz fil-kawza “**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, 9 ta’ Lulju, 1999 illi ghad-decizjoni “kellu necessarjament ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni. Jekk tali rabta ma tkunx tirrizulta jew dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali ta’ decizjoni. Nuqqas li jinficja u jinvalida d-decizjoni”;

Huwa bil-wisq apparenti minn ezami anke superficjali tad-decizjoni appellata illi din taqa' ghal kollox f'din il-kategorija ta' l-ahhar, kif imfissra fis-sentenza appena accennata. Semplici raffront bejn il-parti motivazzjonali u dik decizorja taghha turi s-sussistenza tal-vizzju tal-motivazzjoni meta konfrontata mad-decide. Dan fis-sens ta' l-ezistenza ta' dik il-kontradizzjoni li tippresupponi li r-raguni mqeghda ghab-bazi tad-decizjoni tirrizulta sostanzjalment kontrastanti tant li minnha qajla tista' tigi individwata u sostenuta r-*ratio decidendi*. Wiehed jista' anzi jiddeduci illi l-motivazzjoni hi logikament inkompatibbli mad-decizjoni adottata. Dan jinduci ghan-nullita tas-sentenza billi din ma tistax titqies gusta meta lampantement tirrizulta deficjenza objettiva tal-kriterju logiku li wassal lill-Arbitru ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu fil-parti operattiva taghha;

F'dan il-kaz, imbaghad, tezisti raguni ohra ghal din in-nullita. Jidher ferm car illi l-Arbitru skarta ghal kollox l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tat-tardivita tal-gravam ta' l-appellanti lill-istess Arbitru, u li konsegwentement kien jirrendi l-appell lilu inammissibbli. Dan ghal raguni illi dak l-appell ipprezentat fid-9 ta' Awissu, 2009 kellu fuq il-fehma tad-Direttur jitqies *fuori termine* gjaladarba ma sarx fit-terminu statutorju utli prevvist fl-inciz (3) ta' l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318, ossija fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika tad-decizjoni tad-Direttur (3 ta' Gunju, 2009).

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Arbitru ghal konsiderazzjoni minnu ta' l-istess atti skond il-ligi. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------